# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 649/2018 MH**

**Illum, 22 ta' Marzu, 2023**

**Mario sive Maurice u Victoria konjuġi Dimech li għandhom rispettivament il-karta tal-identita' bin-numru 704043M u 959047M, Mary Muscat 308128M, Victor u Victor John 76136G u 248766M rispettivament, bħala eredi tal-mejta Jane Debrincat li kellha karta tal-identita' numru 870934M, Maria Assunta Muscat 660827M, f'isimha proprio u bħala mandatarja speċjali ta' Carmelina Wright li għandha passaport numru 317846, Vincent Muscat 212356M, Theresa Scerri 328150M, Kathleen Livori 573658M, Eileen Victoria Muscat 152084M, Margaret Muscat 395454M, Jane Grech 991845M, Maryanne Mangion 328550M, Joseph Dimech 328450M, Jane Grech 991845M bħala mandatarja speċjali ta' ħuha Martin Dimech li għandu passaport Kanadiż MJ98530, Maryanne Mangion bħala mandatarja speċjali tal-assenti Domenica Dimech li wirtet lil Charles Dimech li kellu passaport Kanadiż numru LJ057604, Sarah Anne Dimech 5169M, Claire Aquilina 182072M, Mario sive Maurice Dimech bħala mandatarju speċjali ta' Victoria Gauci Stockton b'passaport amerikan 156512190**

**vs**

**Nutar Pierre Falzon**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tal-atturi tal-21 ta' Ġunju 2018** li permezz tiegħu ġie premess u mitlub –

1. *Illi l-atturi inkarigaw lill-konvenut sabiex jippubblika kuntratt ta' trasferiment ta' proprieta'.*

2. *Illi il-konvenut esegwixxa l-inkarigu lilu fdat u ippubblika l-att fil-13 ta' Marzu 2006 – li kopja tiegħu qed tiġi hawn esebita u markata bħala Dok "A".*

3. *Illi fil-fatt l-atturi ħallsu lill-konvenut is-somma ta' €15,804.80 kwantu għall-€13,556.95 bhala hlasijiet dovuti lill-Kumissarju tat-Taxxi Interni u spejjes oħra u kwantu għal €2,247.84 da parte tal-atturi konjugi Mario Dimech u martu bħala drittijiet professjonali u rimbors ta' spejjes oħra, u dan permezz tal-cheque tal-Bank of Valletta li iġib in-numru 000340.*

4. *Illi reċentement l-atturi skoprew illi attwalment il-konvenut naqas milli jesegwixxi l-obbligi tiegħu kwantu għall-reġistrazzjoni tal-istess att pubbliku u fil-fatt lanqas ma ħallas it-taxxa dovuta lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni b'mod għalhekk li, x'aktarx, illi l-atturi ser ikollhom iħallsu de proprio l-istess spejjes neċessarji għall-pubblikazzjoni ta' kuntratt notarili ġdid u spejjes neċessarji għar-reġistrazzjoni tal-istess.*

5. *Illi l-atturi ġia talbu lill-konvenut sabiex jirrifondi l-ammont lilu imħallas u sabiex jagħmillhom tajjeb ghad-danni li għad iridu jiġu subiti minnhom iżda baqa' inadempjenti.*

6. *Illi dan id-debitu huwa ċert likwidu u dovut u l-konvenut ma għandux eċċezzjonijiet x'jagħti u għalhekk il-kawża tista' tinqata' ai termini tal-artiklu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

7. *Jgħid għalhekk l-konvenut għaliex dina il-Qorti ma għandhiex (1) taqta' u tiddeċiedi il-kawża ai termini tal-Artiklu 167 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u ċioe bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawza u (2) tikkundannah iħallas lill-atturi l-ammont ta' €15,804. 80 rappresentanti l-ammont lilu imħallas waqt il-pubblikazzjoni tal-kuntratt hawn fuq imsemmi liema pagament sar fuq talba tiegħu stess permezz ta' ċekk li iġib in-numru 000304 - kollox skond kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq premessi.*

8. *Bl-imgħax legali mid-data tal-pagament ossia mill-13 ta' Marzu 2006 sal-ġurnata tal-effettiv pagament u bl-ispejjes, inklużi dawk tal-ittra legali tal-02 ta' Ġunju 2015, kontra l-konvenut li minn issa jibqa' nġunt għas-subizzjoni tiegħu.*

9. *B'riserva ta' kull dritt ieħor spettanti lill-atturi senjatament dik ghad-danni li sejrin ibagħtu l-atturi meta jiħi pubblikat kuntratt ġdid.*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat illi għalkemm fl-ewwel talba tagħhom l-atturi talbu lill-Qorti tiddeċiedi l-każ bi proċediment sommarju speċjali ai termini tal-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, waqt is-seduta tal-31 t'Ottubru 2018 deher il-konvenut debitament assistit u ngħata l-opportunita' li jintavola l-eċċezzjonijiet tiegħu, kif

fil-fatt għamel. B'hekk, l-ewwel talba ser tiġi miċħuda, u għall-istess raġunijiet ser tintlaqa r-raba' eċċezzjoni tal-konvenut.

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-konvenut tad-19 ta' Novembru 2018**[1] li permezz tagħha tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet –

> Jesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu jiddikjara u jikkonferma li s-segwenti fatti jaffom personalment:
>
> 1. Illi preliminarjament 1-esponent jeccepixxi n-nullita ta ' 1-att promotur, fl-ewwel lok ghaliex jirrizulta li fost 1-atturi indikati fl-okkju hemm ex admissis assenti minn Malta u ma gewx prezentati xi prokuri jew mandati li juru li minn allegatament qed jirraprezentahom Pdawn il-proceduri igawdi minn xi mandat biex jlstitwixxi dawn il-proceduri jew li 1-atturi li ma jirrisjedux abitwallment gewwa Malta kienu Malta fil-mument tal-prezentata tal-kawza, fittieni lok uhud mill-atturi ma hemmx Ianqas indikat kunjomhom u wisq inqas numru talkarta ta' 1-identita' u finalment ghalkemm 1-okkju jindika diversi atturi, r-rikors gie prezentat minn "1-atturi konjugi Dimech" huma minn huma dawn il-konjugi Dimech u certament mhux mill-atturi kollha indikati fl-okkju;
>
> 2. Illi prelirninarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost 1-esponent jeccepixxi n-nullita ta' 1-att promotur stante li t-talbiet ta' 1-attur ma humiex enumerati separatament mit-talbiet u fil-fatt wiehed qajla jintebah li hemrn talbiet u dan bi ksur ta' 1-Art.156 tal-Kap. 12 talLigijiet ta' Malta;
>
> 3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, 1-azzjoni attrici hija preskritta ghaliex kuntrarjament ghal dak dikjarat minnhom 1-fatti allegati minnhom ma gewx a konoxxenza taghhom ricentament u addirittura 1-esponent ghadda minn proccduri penali b'rabta malfatti allegati mill-istess atturi;
>
> 4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, 1-ewwel talba attrici ma tistax tintlaqa ghaliex ghalkemm jidher li origmarjament 1-atturi

[1] Fol 31 et seq

kellhom il-hsieb li din il-kawza titmexxa bilprocedura sommarja tal-giljottina, fil-fatt din il-kawza giet trattata bil-procedura ordinaria u 1-esponenti thalla jressaq risposta guramentata fl-udjenza tal-31 ta' Ottubru 201 8;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex il-fatti allegati minn 1-atturi li taghhom jehtiegilhom igibu prova, ma humiex imputabbli lill-esponent u huwa ma ghandux iwiegeb ghall-istess;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

BI-ispejjez kontra 1-atturi li huma min'issa ingunti in subizzjoni u b'rizerva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-esponenti fil-ligi.

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta ġuramentata.

Rat il-provi tal-partijiet.

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet tal-atturi u semgħet is-sottomissjonijiet orali mid-difensur tal-konvenut.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Permezz tal-proċeduri odjerni l-atturi qegħdin jitolbu lill-Qorti tikundanna lill-konvenut iħallashom is-somma ta' €15,804.80 rappreżentanti l-ammont imħallas lilu permezz ta' ċekk waqt il-pubblikazzjoni ta' kuntratt ta' trasferiment ta' proprjeta' datat 13 ta' Marzu 2006 li għalih kien inkarigat mill-atturi. Huma qegħdin jitolbu wkoll il-ħlas tal-imgħaxijiet u l-ispejjeż a karigu tal-konvenut.

Minn naħa tiegħu l-konvenut jirrespinġi t-talbiet tal-atturi bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

**A. PROVI**

1. Fuq inkarigu tal-atturi, n-nutar konvenut ippubblika kuntratt fit-13 ta' Marzu 2006[2] permezz ta' liema l-atturi Mario sive Maurice u Victoria konjuġi Dimech xtraw mingħand il-bqija tal-atturi xi ishma ndiviżi ta' żewġ proprjetajiet ġewwa n-Naxxar ;

2. B'rabta ma' dan it-trasferiment il-konjuġi Dimech tawh ċekk tal-Bank of Valletta numru 340 datat 13 ta' Marzu 2006 għas-somma ta' €15,804.80 (Lm6785.00), liema ċekk ġie msarraf mill-konvenut fl-20 ta' Marzu 2006[3] ;

3. Il-konvenut xehed li dawn il-flus iddepożitahom fi *client account* li kien iżomm b'rabta mal-professjoni notarili tiegħu[4];

---

[2] Fol 7 et seq
[3] Fol 55
[4] Fol 90

4. Bħala fatt, in-nutar konvenut ma rreġistrax dan il-kuntratt fir-Reġistru Pubbliku u lanqas wettaq il-ħlas tat-taxxa dovuta lill-Kummissarju tat-Taxxi;

5. Fid-dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu[5] u fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti[6] l-istess konvenut qal li d-diffikulatjiet li nqalgħu fir-rigward tar-reġistrazzjoni tal-kuntratt u tal-ħlas tat-taxxa msemmija ma humhiex imputabbli lilu. Huwa spjega li d-dokumenti relattivi għal dan it-trasferiment kienu ġew sottomosssi lill-Kummissarju tat-Taxxi imma peress li uħud mill-atturi huma residenti barra minn Malta, hemm proċedura li biha jridu jimtlew ċerti dokumenti ghan-nom tagħhom bħal tax returns eċċ;

6. Skont ix-xhieda ta' rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi fi proċeduri kriminali li tmexxew kontra l-konvenut[7], li tinsab esebita in atti, dan huwa proċess li minn naha tad-Dipartiment tat-Taxxa jieħu ażmien twil, anke snin;

7. Sakemm dan il-proċess kien għadu pendenti ghand il-Kummissarju, in-nutar Falzon ġie rinfaċċjat b'Mandati ta' Sekwestri minn terzi u b'Ordniijiet ta' Iffriżar mill-Qrati[8] li kellhom impatt dirett fuq il-flus li kellu miżmuma fil-*client account* li fih kien hemm anke l-flus imħallsa lilu mill-atturi;

8. Fil-frattemp u minkejja li beda għaddej iż-żmien, il-konvenut ma kienx informa lill-atturi li r-reġistrazzjoni tal-kuntratt in kwistjoni u l-ħlas tat-taxxa ma kinux għadhom saru;

[5] Fol 33
[6] Fol 88 et seq
[7] Fol 99 et seq
[8] Fol 113 et seq

9. Eventwalment fl-2012, l-atturi jgħidu li skoprew dan in-nuqqas u kif xehed l-attur Mario sive Maurice Dimech[9] huwa beda jsus wara n-nutar bil-għan li tirrisolvi ruħha din il-kwistjoni. Ġew esebiti wkoll skambju ta' messaġġi bil-mobile bejn Dimech u l-konvenut li seħħew bejn l-2013 u l-2020[10];

10. Mario Dimech xehed ukoll li darba minnhom quddiemu stess, l-avukat tiegħu, li llum qed jippatroċinah fil-kawża, kien ċempel lill-konvenut u wara li kellmu offrielu sabiex jagħmlu kuntratt li permezz tiegħu jirrikonoxxi li għandu jagħti s-somma in kwistjoni lill-atturi iżda meta qallu li kien hemm il-ħtieġa li martu tidher ukoll fil-kuntratt huwa reġa bdielu għax ma rieda idaħħalha fin-nofs.

11. Peress li ma ġiex reġistrat progress, l-attur Mario Dimech irreġistra lment formali dwar din il-kwistjoni mal-Kunsill Nutarili ta' Malta li minn naħa tiegħu, fil-15 ta' Mejju 2013[11] kiteb formalment lin-nutar konvenut fejn irrefera għall-fatt li rriżulta li sa dakinhar il-kuntratt tal-2006 kien baqa' ma ġiex insinwat u l-ammont ta' taxxa miġbura fuq l-att ma' kinitx tħallset minnu lid-Dipartiment tat-Taxxi. Il-Kunsill talab lin-nutar sabiex fi żmien għoxrin jum jippreżenta kopja tan-nota tal-insinwa relattiva u l-formoli tal-ħlas tat-taxxa, u fin-nuqqas huwa kellu l-obbligu li jibgħat spjegazzjoni bil-miktub tal-fatti u l-aġir tiegħu fl-istess terminu ta' żmien. F'każ ta' inadempjenza, il-Kunsill infurmah li kien ser jirreferi l-każ il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili u l-Avukat Ġenerali għal aktar investiazzjoni u sabiex jittieħdu l-passi xierqa skont il-liġi;

12. Wara trapass ta' aktar snin mingħajr ma s-sitwazzjoni ġiet riżolta, n-Nutar Ewlieni tal-Gvern informa lill-atturi konjuġi Dimech permezz ta' email datata 3 ta' Marzu 2020 li l-kuntratt in kwistjoni issa seta jiġi reġistrat u huma ntalbu

[9] Fol 39 et seq
[10] Fol 41 et seq
[11] Fol 58

jagħmlu bank drafts pagabbli lill-awtoritajiet kompetenti kif hemm indikat[12], liema *bank drafts* fil-fatt saru u kopja tagħhom ġiet esebita in atti[13];

13. B'hekk il-kuntratt tat-13 ta' Marzu 2006 issa jinsab formalment reġistrat u t-taxxa dovuta mħallsa wkoll.

## B. EĊĊEZZJONIJIET PRELIMINARI

*a. <u>Nullita' tar-rikors promotur</u>*

Il-Qorti tinnota li waqt is-seduta tal-25 ta' Novembru 2022, **il-konvenut permezz tad-difensur tiegħu rtira l-ewwel eċċezzjoni tiegħu u għalhekk il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha**.

**Fit-tieni eċċezzjoni tal-konvenut** huwa jissolleva n-nullita' tar-rikors promotur stante li t-talbiet mhumhiex enumerati separatament mill-premessi u fil-fehma tiegħu "wieħed qajla jintebaħ li hemm talbiet u dan bi ksur tal-artikolu 156 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-artikolu 156 (1) tal-Att fl-ewwel tlett paragrafi tiegħu jgħid hekk -

*"156.(1) Ir-rikors ġuramentat għandu jitlesta mill-attur u għandu jkun fih –*

*a) dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża f'paragrafi numerati separatament, sabiex isaħħaħ it-talba tiegħu u jiddikjara wkoll liema fatti huwa jaf bihom personalment;*

[12] Fol 82
[13] Fol 83

*(b) ir-raġuni tat-talba;*

*(ċ) it-talba jew it-talbiet li għandhom ikunu enumerati;*

Ingħad hekk dwar dan l-artikolu fil-każ **Paul Fenech vs Carmel Cortis deċiż fis-16 ta' Settembru 2022** -

*"37. Jissokta jingħad li l-aspett tar-ritwalità ta' azzjoni huwa marbut mal-forma tal-att li bih titressaq kawża (ara* ***Rita Cassar v. Licia Borg*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Diċembru, 2018). Kif ġie mtenni dan l-aħħar mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza* ***Richard Attard v. John Rizzo*** *deċiża fit-18 ta' Frar, 2021,*

*«f'materja ta' nullità tal-atti, is-sanzjoni estrema tan-nullità ta' att ġudizzjarju titlob li l-eċċezzjoni tintlaqa' biss f'każijiet eċċezzjonali meta r-rimedju waħdieni li jingħata lill-imħarrek għall-preġudizzju mġarrab ikun it-tħassir tal-att, kif jipprovdi wkoll il-proviso tal-Artikolu 789(1) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili. Hija sanzjoni estrema li l-liġi timponi biss meta n-nuqqas formali jew sostanzjali ma jkunx jista' jiġi assolutament tollerat bla ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali (App. Ċiv. 4.11.1991 fil-kawża fl-ismijiet* ***Vella v. Ċefai*** *(Kollez. Vol: LXXV.ii.467). Fuq kollox, il-liġi tal-proċedura hija maħsuba biex il-kawżi jimxu b'ħeffa u effiċjenza, ekonomija w ħarsien tal-jeddijiet tad-difiża u tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali.»*

*(......)*

*39. ...... kif tajjeb imtenni mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza* ***Salvina magħrufa bħala Sylvia Buġeja v. Albert Debono et*** *deċiża fis-27 ta' Settebru, 2009, «Dan ma jfissirx però li kwalunkwe nuqqas da parti ta' l-attur għandu mill-ewwel jiġi*

*meħud fis-sens li qed imur kontra d-dispost tal-Artikolu 156(1) tal-Kap 12 u għalhekk iġib miegħu n-nullità taċ-ċitazzjoni. Infatti, biex ċitazzjoni tiġi mwaqqfa, jrid ikun hemm raġuni gravi, b'mod li l-konvenut ikun jista' jiġi ppreġudikat fid-difiża tiegħu."*

*40. Fil-fatt l-artikolu 156 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta ġie mogħti interpretazzjoni wiesgħa ħafna fil-ġurisprudenza tagħna sabiex kemm jista' jkun l-atti jiġu salvati għall-prattiċità u biex tiġi evitata multiplikazzjoni ta' kawżi u spejjeż żejda (ara* ***Rose Bezzina et v. Stefan Apap*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu, 2021);*

*41. M'hemmx għalfejn ngħidu, il-liġi titlob li l-azzjoni u t-talbiet għandhom jinkitbu b'mod ċar u li jinftiehmu, sabiex b'hekk il-konvenut ikollu l-opportunità sħiħa li jiddefendi lilu nnifsu fil-parametri tal-azzjoni kif imressqa (ara* ***Frederick Attard v. Malta International Airport p.l.c. et*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu, 2021);*

*42. Barra minn dan, il-ġurisprudenza tenniet ukoll li biex rikors maħluf ikun jiswa, dak li jintalab ma jridx ikun f'kontradizzjoni miegħu nnifsu (ara inter alia Salvatore Aquilina v. Joseph Oliver Ruġġier nomine deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fid-9 ta' Jannar, 1995, Flavia Cassar et v. Carmelo Muscat et deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Novembru, 2011, Rita Nicolosi et v. L.E.P.T. Enterprises Limited deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar, 2014 u Mary Grech et v. Maria Borg deċiża mill-Qorti talAppell fit-28 ta' Marzu, 2014);"*

Fl-isfond ta' din il-ġurisprudenza l-Qorti ssib li din l-eċċezzjoni hija manifestament infondata fil-fatt u fid-dritt u tirrażenta l-fieragħ. Għalkemm m'hemmx distinzjoni speċifika bejn l-elenku tal-premessi u t-talbiet fl-enumerazzjoni, ma hemm ebda dubju anke mad-daqqa t'għajn liema u fejn huma

t-talbiet tal-atturi. Huwa minnu illi l-formaliżmu huwa parti essenzjali mill-proċeduri ġudizzjarji, pero' dan m'għandux jiġi mħaddem jew interpretat b'mod li jxekkel proċeduri mibdija quddiem il-Qrati ħlief għal raġunijiet gravi li jwasslu għal preġudizzju fid-difiża tal-parti mħarrka. Dan il-preġudizzju mhux talli ma seħħx talli l-konvenut wieġeb u ddefenda l-pożizzjoni tiegħu fermement fil-kawża.

*b. <u>Preskrizzjoni</u>*

**Fit-tielet eċċezzjoni** tiegħu l-konvenut jargumenta li l-azzjoni attriċi *"hija preskritta għaliex kuntrarjament għal dak dikjarat minnhom l-fatti allegati minnhom ma ġewx a konoxxenza tagħhom riċentament u addirittura l-esponent għadda minn proċeduri penali b'rabta mal-fatti allegati mill-istess atturi."*

Il-konvenut ma ndikax a bażi ta' liema dispożizzjoni tal-liġi huwa qiegħed jeċċepixxi l-preskrizzjoni tal-azzjoni attriċi.

Hemm ġurisprudenza li tgħid li fejn hemm tali nuqqas, allura l-eċċezzjoni tiġi awtomatikament miċħuda. Fil-każ **Maria Carmela sive Mary Stoner vs Emanuel sive Leli Azzopardi et deċiż fl-10 ta' Ottubru 2019** ingħad hekk -

*"Huwa prinċipju affermat fil-ġurisprudenza nostrana illi Qorti ma tistax di sua spontania volonta tindika hija l-Artikolu tal-liġi applikabbli.*

*Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tat-22 ta` Ġunju, 2005 fl-ismijiet **Joseph Gauci vs Saviour Farrugia** spjegat li :*

*"Minn din is-sentenza appella l-konvenut bl-aggravju li t-Tribunal iddeċieda malament il-punt legali relattiv għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni minnu*

*sollevata. Huwa jissottometti illi l-Kodiċi Ċivili mkien ma jimponi illi meta tiġi eċċepita preskrizzjoni għandu jigi ndikat speċifikament kemm l-artikolu kif ukoll is-subartikolu. F` kull każ issa in sede appell huwa jippreċiża li l-artikolu tal-preskrizzjoni minnu maħsub kien is-subinċiż (c) ta` l-Artikolu 2149 minnu ċitat; Riferibilment għall-gravam imqanqal fir-rikors ta` l-appell mill-konvenut, jibda biex jiġi osservat illi skond l-Artikolu 2111 Kodici Ċivili "il-qorti ma tistax ex officio tagħti effett għall-preskrizzjoni jekk din ma tiġix eċċepita mill-parti interessata". Dan l-artikolu huwa ċar biżżejjed u l-interpretazzjoni dwaru hi din. Il-ġudikant ma jistax jirriċerka d` ufficio il-fatti kostituttivi ta` eċċezzjoni riżervata mil-ligi lill-partijiet. Hekk ukoll lanqas jista` l-ġudikant jassumi d` ufficio tali fatti fid-deċiżjoni tiegħu għall-fini li jiddikjara l-preskrizzjoni ta` l-azzjoni jekk din ma tkunx ġiet espressament dedotta;*

*Kif deċiż, "peress li din hi preskrizzjoni invokata mill-appellant il-Qorti ma tistax teżamina jekk hijiex applikabbli xi disposizzjoni oħra f`materja ta` preskrizzjoni għaliex ġie dejjem stabbilit fil-ġurisprudenza u del resto huwa konsentaneu għar-raġuni u għall-ispirtu fundamentali fil-materja ta` preskrizzjoni, illi dik ghandha tiġi nvokata mill-parti, u ma tistax il-Qorti tara u teżamina jekk hemmx xi preskizzjoni li tista` tkun opponibbli peress illi hija materja kollha ta` kuxjenza" – Kollez. Vol. XXXIII P I p 481;*

*Irid jinghad ukoll illi l-proposizzjoni generika ta` l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mill-parti nteressata ma tawtorizzax lill-ġudikant biex jindividwa hu t-tip tal-preskrizzjoni li tgħodd għall-każ. Dan għaliex huwa l-parti li għandu l-oneru jagħżel liema wahda mill-varji ipotesijiet preżunti mil-liġi hi applikabbli. Fin-nuqqas ta` indikazzjoni speċifika l-eċċezzjoni nnifisha ma tistax ħlief tiġi dikjarata inammissibbli. A propożitu anke f` dan il-kuntest ġie deċiż illi "l-eċċepita preskrizzjoni bjennali mhix indikata b`mod sufficjentement ċar u specifiku in kwantu l-Artikolu 2254 (illum 2149) f`ben ħames inċiżi distinti*

*jiprospetta l-preskrizzjoni ta` azzjonijiet għal kollox differenti waħda mill-oħra" – "**Joseph Grech -vs- Emanuele Camilleri et**", Appell Kummerċjali, 21 ta` Marzu 1977; Minn dan kollu jitnissel illi fl-assenza ta` indikazzjoni ċara u speċifika tal-preskrizzjoni, il-ġudikant ma jistax jieħu inizzjattiva biex jissupplixxi hu għan-nuqqas tal-parti. In bażi għall-konsiderazzjonijiet suddetti r-ragjonament tat-Tribunal ma jistax jitqies ċensurabbli. Konsegwentement, l-aggravju sollevat qed jiġi miċħud.*

*Din il-Qorti kif diversament ippreseudta fis-sentenza tagħha tal-10 ta` Lulju, 2003 fl-ismijiet Henry P. Cole vs Salvatore sive Sammy Murgo spjegat li "l-ewwel eccezzjoni, rigwardanti l-preskrizzjoni, ma tista qatt tigi akkolta, peress li l-konvenut naqas li jindika l-artikolu tal-ligi li fuqu huwa qed jibbaza din l-istess eccezzjoni tieghu." Fl istess sens fis-sentenza tagħha hekk kif diversament ippreseduta mogħtija fit-3 ta` Ottubru, 2003 fl-ismijiet Margaret Camilleri, Caroline Ebejer u Monica Gatt vs The Cargo Handling Co Ltd ġie spjegat li :*

*"Kwantu għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni huwa principju assodat fil-ġurisprudenza illi l-Qorti ma tistax ex officio taghti effett ghall-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti intressata f` forma specifika. Ara decizjonijiet a Vol. XXXIII P I p 481 u Vol. XLI P I p 178, Effettivament is-socjeta` konvenuta ma speċifikat l-ebda artikolu tal-liġi li jgħodd għal kaz, kif hekk irid l-Artikolu 2111 tal-Kodiċi Ċivili."*

*Għaldaqstant, kif ritenut mill-Qrati tagħna min jeċepixxi l preskrizzjoni irid jindika l-Artikolu tal-liġi li fuqu jkun qed jibbaża dik l-eċċezzjoni.*

*F' dan il-każ ma kienx speċifikat liema preskrizzjoni kienet qed tiġi nvokata. In fatti ma ġiex indikat liema sub-artikolu ta' dan l-Artikolu kien qed jiġi nvokat. Ġialadarba, dan ma sarx, il-Qorti ma tistax tikkonsidraha u dan għaliex*

*altrimenti l-Qorti tkun qed tissupplixxi għall-parti eċċipjenti f'materja odjuża li fiha ma tistax tieħu inizjattiva.*

*L-obbligi ta' min jagħti eċċezzjoni ta' preskrizzjoni huma ċari kemm fil-Kodiċi Ċivili u kemm fil-ġurisprudenza estensiva li jistabbilixxu li min jagħti din l-eċċezzjoni, irid jindika l-Artikoli tal-liġi b'mod preċiż, jipprova ż-żmien minn meta tibda tiddekorri l-preskrizzjoni u, f'każ ta' dubju, l-ġudikant irid jiċħad l-eċċezzjoni."*

Madankollu ġurisprudenza oħra tieħu xejra anqas riġida. Għalhekk fil-każ **Emanuel Fenech et vs George Borg et** deċiż fis-27 ta' Frar 2023 il-Qorti qalet hekk -

*"Ta' min jgħid li l-Art. 2111 tal-Kodiċi Ċivili jgħid li "Il-qorti ma tistax ex officio tagħti effett għall-preskrizzjoni, jekk din ma tiġix eċċepita mill-parti interessata". Ma tgħidx li għandu jissemma xi Artiklu jew xi subinċiż ta' xi Artiklu partikolari. Tassew li l-Qorti ma tistax ex officio tagħti effett għall-preskrizzjoni jekk din ma tiġix eċċepita mill-parti intressata f'forma speċifika , iżda jekk ikun ovvju għal liema disposizzjoni jkun qiegħed jirreferi l-eċċipjent, l-eċċezzjoni tiegħu m'għandhiex titwarrab b'mod sbrigattiv. Bilkemm għandu jiġi mtenni li l-formaliżmu żejjed għandu jiġi evitat."*

Waqt it-trattazzjoni finali li d-difensur tal-konvenut irrefera fil-qosor għal preskrizzjoni b'rabta ma' miżappropriјazzjoni mingħajr ma elabora wisq.

Madankollu u fi kwalunkwe każ, l-evidenza mressqa fl-atti, turi li l-konvenut kien qiegħed jirrikonoxxi d-debitu anke wara li nbdiet il-kawża kif juri l-iskambju ta' sms li għaddew bejniethom sa Ottubru 2020 u li jinsabu esebiti in atti. Hekk per eżempju b'referenza għall-flus mertu tal-kawża huwa wieġeb lill-attur Mario

Dimech hekk fl-14 ta' Lulju 2020 u kwindi aktar minn sentejn wara li bdiet il-kawża - "*Żammewli kollox ħa nara kif nirranġa.*" U circa xahrejn wara fil-15 ta' Settembru 2020 reġa rrisponda lill-attur Dimech - "*nistenna l-Qorti qiegħed biex ituni l-go-ahead*". Anke fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti fl-4 ta' Frar 2022 il-konvenut ammetta d-debitu u li kieku ma kienx hemm is-sekwestri li ffiżaw anke l-flus tal-klijenti fosthom tal-atturi, kieku l-flus in kwistjoni kien jilħaq jirritonahom lill-atturi u ma kienx ikun hemm lok li tinfetaħ il-kawża – "*kieku ma kienx hemm is-sekwestru probabilment illum lanqas qegħdin hawnhekk*[14]." Dan xejn ma hu ħlief ammissjoni ċara tad-dovut.

Fl-assjem tagħhom, asserzjonijiet bħal dawn li saru mill-konvenut fil-mori tal-kawża jpoġġuh f'pożizzjoni nkompatibbli mal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

Ingħad hekk fil-każ **Joseph Caruana Company Limited Vs John Vella et deċiż fis-6 ta' Diċembru 2011 -**

*"....il-Qorti tenniet mill-ġdid il-prinċipju li l-preskrizzjoni għandha tingħata interpretazzjoni restrittiva u għalhekk jekk ikun jeżisti xi dubbju dwar l-applikabilita' taż-żmien preskrittiv, dak id-dubbju għandu jmur kontra min ikun eċċepixxa l-preskrizzjoni ("**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited**" deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta PA/JRM fit-12 ta' Ottubru 2004, u "**Ellul noe vs Vella noe**" deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Mejju 2001)*

*Illi pero' anki kieku għall-grazzja ta' l-argument, l-artikolu 2148(b) kien applikabbli id-difiża u x-xhieda tal-konvenut John Vella hija kontradittorja ghall-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni u hawn japplika l-prinċipju li "ghall-azzjoni tal-*

[14] Fol 94

*kreditur ma tibqax opponibbli l-preskrizzjoni, jekk id-debitur b'att tieghu spontaneu ta' assunzjoni ta' ċertu sistema ta' difiża, ipoġġi ruħu fi stat ta' fatt li jirrendi nkompatabbli l-posizzjoni ġuridika tieghu mal-presunzjoni kostitwenti l-fondament tal-preskrizzjoni u l-forma premessa mill-liġi lill-kreditur biex jikkumbatti dik l-istess preskrizzjoni". (Vol. XXVII.i.307).*

*Illi hawn issir riferenza ghal dak li ngħad fis-sentenza* ***Dr.Toni Abela nomine vs Maurice Vassallo*** *fejn gie ritenut "li kieku l-konvenut xehed li m'għandhux jaghti flus lill-attur nomine u lanqas ftakar li għandhu jtih, u waqaf hemm bla htiega ta' spjegazzjoni ulterjuri, allura eċċezzjoni tiegħu kienet ċertament treġi imma hawn si tratta ta' persuna li qegħda tistqarr biċ-ċar bil-gurament tagħha li ma ħallsitx" u allura f'każ bhal dan mhux iktar opponibbli għall-azzjoni tal-attur l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni għaliex b'hekk l-konvenut, bhal dan il-każ, poġġa ruhhu b'att tiegħu spontaneu fir-risposta u fix-xhieda tiegħu fi stat ta' fatt li jirrendi nkompatibbli l-posizzjoni ġuridika tiegħu mal-prezunzjoni kostitwenti l-fondament tal-preskrizzjoni u f'dan is-sens issir riferenza ghas-sentenza* ***Joseph Vella vs Peter Abela et****9."*

**Fid-dawl tas-suespost din l-eċċezzjoni sejra tiġi miċħuda.**

**Ċ. MERTU**

**It-tieni talba tal-atturi** hija sabiex il-Qorti tordna lill-konvenut jirritornalhom is-somma ta' €15,804.80 rappreżentanti l-ammont lilu mħallas waqt il-pubblikazzjoni tal-kuntratt tat-13 ta' Marzu 2006.

Il-Qorti tosserva li –

1. Bħala stat ta' fatt :

- L-atturi għaddew iċ-ċekk numru 340 fis-somma ta' Lm6785 (€15,804.80) lill-konvenut bħala ħlasijiet dovuti b'rabta mal-kuntratt datat 13 ta' Marzu 2006;
- Dak iċ-ċekk issarraf mill-konvenut fl-20 ta' Marzu 2006;

2. Huwa minnu li kif irriżulta mill-provi, il-proċess minn naħa tad-Dipartiment tat-Taxxi li kellu jwassal għar-reġistrazzjoni tal-kuntratt imsemmi u għall-ħlas tat-taxxa dovuta kienu jieħu żmien twil, anke snin, fil-każ ta persuni li, bħal uħud mill-atturi, huma residenti barra minn Malta;

3. Huwa minnu wkoll li l-konvenut beda jiffaċċja sekwestri minn terzi persuni u *freezing orders* mill-Qrati li probabbilmet affetwaw l-istabbilita' finanzjarja tiegħu, inkluż il-*client account* li fih qal li kien qed iżomm anke l-flus tal-atturi. Iżda fil-verita' dan huwa fatt *res inter alios acta* għall-atturi;

4. Kellu jkun l-intervent dirett tan-Nutar Prinċipali tal-Gvern, li wassal biex finalment il-kuntratt in kwistjoni ġie nsinwat u t-taxxa dovuta tħallset lill-awtoritajiet kompetenti. Dan kollu pero' sar bi spejjeż ġodda li kellhom jagħmlu l-atturi peress li kellhom jerġgħu iħallsu mill-ġdid dak mitlub lilhom mill-istess Nutar Prinċipali tal-Gvern;

5. Sal-lum, kif ammess minnu stess, il-konvenut għad għandu fil-pussess tiegħu l-flejjes tal-atturi li ngħatawlu permezz taċ-ċekk numru 340 għal skop speċifiku u hu spiċċa biex qatt ma użahom għal dan il-għan.

6. M'hemmx dubju għalhekk li l-konvenut għandu jirritorna l-flus kollha mħallsa lilu mill-atturi fis-somma ta' €15,804.

**Għalhekk din it-talba ser tintlaqa'.**

**Għall-istess raġunijiet, il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut sejrin jiġu miċħuda.**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

**1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, tilqa' r-raba' eċċezzjoni filwaqt li tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tiegħu;**

**2. Tiċħad l-ewwel talba tal-attur;**

**2. Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi s-somma ta' €15,804.80 rappreżentanti ammonti lilu mħallsa waqt il-pubblikazzjoni tal-kuntratt in kwistjoni permezz ta' ċekk tal-Bank of Valletta bin-numru 340;**

**3. Bl-ispejjeż a karigu tal-konvenut li għandu jagħmel tajjeb ukoll għall-ħlas tal-imgħax legali mill-lum sad-data tal-pagament effettiv.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**